MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru. 766/2013

**SPETTUR JURGEN VELLA**

**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**

**VS**

**ANTONELLA VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Antonella Vella ta’ 28 sena, bint Angelo u Josephine nee’ Vella, mwielda Pieta’ 16 ta’ Awwissu 1984, residenti Flat 7, Bini tal-Gvern, Triq l-14 ta’ Dicembru 1945, Fgura u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 405784M;

Talli;

1) Nhar it-3 ta’ Marzu 2013 ghal habta tat-20.00hrs u/jew hinijiet qabel minn gewwa Triq ix-Xtt, il-Kalkara u f’ dawn il- gzejjer, ikkommettiet serq ta’ vettura tal-ghamla Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni AAR703 liema serq huwa ggravat bil-hin, mezz, oggett tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi €232.94 u ma jeccedix €2,329.37 u li sar ghad-detriment ta’ Maria Barbara mill-Kalkara u/ jew persuni ohra;

2) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wettqet serq ta’ battrey minn fuq l-imsemmija vettura liema serq huwa aggravat bil-hin, mezz u oggett tal-haga misruqa;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fit-3 ta’ Marzu 2013 certu Maria Barbara ghamlet rapport mal-Pulizija fl-ghassa ta’ Bormla li l-vettura taghha, Isuzu Gemini bin-numru AAR-703 kienet insterqet minn fejn hallietha ftit tal-hin qabel fi Triq ix-Xatt, Kalkara. L-istess vettura instabet aktar tard dakinhar stess f’Rahal Gdid, u minnufih saru ezamijiet forensici fuqha. Gie nnotat li l-batterija tal-vettura kienet nieqsa, u gie nnutat ukoll pakkett tas-sigaretti li ma kienx ta’ Barbara. Minn ezami li sar fuq dan il-pakkett gew elevati impronti digitali li gew imqabbla ma’ dawk ta’ Antonella Vella. Ghalhekk il-Pulizija baghtet ghal Vella u wara li ttiehdet stqarrija taghha, fejn hi nnegat li qatt kellha x’taqsam mas-serq tal-istess vettura u tal-batterija taghha, bdew dawn il-proceduri fil-konfront taghha.

Mill-provi prodotti ftit li xejn hemm x’jigi kkunsidrat. Il-Prosekuzzjoni esebew diversi dokumenti u xhieda f’dan il-kaz, liema provi kkonfermaw li fil-vettura misruqa kienu instabu dawn l-impronti digitali tal-imputata. Dawn gew esaminati anke minn espert tal-Qorti nominat minnha stess, li kkonferma li dawk l-impronti kienu jaqblu ma’ dawk tal-imputata. Din il-prova wehidha hi aktar minn sufficjenti biex tqieghed lill-istess imputata fix-xena tad-delitt, meta hi ma tat ebda spjegazzjoni ghalfejn instabu l-impronti taghha gewwa vettura li m’hix taghha u l-anqas mhi ta’ xi hadd li taf.

Ghalhekk il-Qorti sejra ssibha hatja u l-piena sejra tkun wahda ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 267 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imputata hatja, u ghaldaqstant tikkundannaha piena ta' sentejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------